MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Numru. 497/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Herman Mula)**

**vs**

**Jonathan Bonello**

**Illum, 31 ta' Ottubru 2014**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Jonathan Bonello ta' 32 sena, iben Anthony u Maria Tereza nee` Mallia, imwieled il-Pieta` fis-26 ta' Settembru 1979, residenti gewwa 'Flamington', Flat 1, Triq Dun Mikiel Xerri, Attard u detentur tal-karta tal-identita` numru 0463079(M)

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, nhar is-26 ta' Dicembru 2011, kif ukoll fil-gimghat ta' qabel din id-data:

1) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN.292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-

Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Akkuzat ukoll talli huwa recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 26 ta' Gunju 2007 (Onor. Imhallef Joseph Galea Debono), sentenza li saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb li huwa hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu, izda minghajr l-aggravju;

Rat ukoll illi fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2013, il-partijiet ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma l-provi li kienu migjuba quddiem il-Qorti, kif diversament presjeduta, sa dakinhar;

Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**:

**<u>Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija</u>**

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Fis-26 ta' Dicembru 2011, waqt illi pulizija mill-Iskawdra kontra d-Droga kienu qeghdin josservaw lill-imputat, dan gie innutat jaghmel kuntatt ma' terza persuna, certu Mario John Debono, billi resaq lejn il-vettura ta' dan tal-ahhar. Wara li l-istess pulizija segwew lil Debono, waqqfuh vicin id-*Detox* u sabu fil-pussess tieghu, sustanza suspettata eroina, huma arrestaw lill-imputat waqt li dan kien vicin spizerija gewwa H'Attard u ghamlu tfittxija fir-residenza tieghu, gewwa H'Attard stess. Hemmhekk sabu *inter alia* boroz tal-*plastic* b'sustanza suspettata eroina, tlett imwiezen, diversi bicciet tal-*foil,* xi boroz tal-*plastic*[1] u flus ammontanti ghas-somma ta' €1,710. L-imputat irrilaxxja stqarrija fis-27 ta' Settembru 2011, wara li nghata d-debita twissija u rrifjuta d-dritt li jiehu parir legali qabel l-interrogazzjoni tieghu, liema stqarrija huwa ghazel li ma jiffirmahiex. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat stqarr illi jabbuza mid-droga eroina u li kellu problema serja ta' droga eroina u cahad illi huwa kien ibiegh din id-droga.[2]

Mir-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officers*, PS 644 Evan Camilleri u PC 637 Kevin Manicolo[3], jirrizulta illi PS 644 Evan Camilleri eleva s-segwenti oggetti mill-fond in kwistjoni ossia *pouch* iswed bil-kliem Adidas kontenenti borza mdaqqsa bi trab kannella, tliet boroz zghar bi trab kannella, tliet bicciet *foil*, zewg *digital scales*, zewg *lighters*, parti minn *jewel box* roza, diversi bicciet *plastic* u mus zghir[4] u *pouch* iswed bil-kliem *Fly Emirates* kontenenti tmien bicciet foil, *lighter*, diversi bicciet *plastic* u *digital scales*[5]. In oltre mir-relazzjoni tal-istess *Scene of Crime Officers* jirrizulta wkoll illi PS 579 A. Micallef ghadda lil

---

[1] **PS 1086 Johann Micallef** xehed illi minn tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat, fil-kamra tas-sodda tieghu, instabu zewg *pouches* li wiehed minnhom kien jikkontjeni zewgt imwiezen elettronici, borza bi trab kannella, zewg lighters, ghatu ta' kaxxa zghira bi tracci kannella u tlett iqratas zghar kantunieri bi trab kannella. Fil-*pouch* l-iehor kien hemm mizien elettroniku, lighter ohra, *foil* u boroz vojta. Mill-kamra tal-banju, ingabru wkoll xi *foil* mahruq u kuccarina tal-*plastic* (ara xhieda a fol. 49 tal-process). **PS 579 Antoine Micallef** xehed illi z-zewg *pouches* in kwistjoni instabu fuq il-gwardarobba fil-kamra tas-sodda tal-imputat (a fol. 52 tal-process). Is-sejba tal-*pouches* giet ukoll ikkonfermatha minn **WPC 297 Reanne Spiteri** (a fol. 54 *et seq* tal-process) u **WPS 12 Andrea Grech** (a fol. 56 *et seq* tal-process). **PC 760 Christopher Saliba** xehed illi mill-kamra tal-banju, l-imputat stess tah basket, li minnu eleva diversi bicciet ta' *foil* mahruq, kuccarina tal-*plastic* u kantuniera ta' borza tal-*plastic* (a fol. 59 tal-process).

[2] A fol. 7 sa 9 tal-process.

[3] A fol. 72 *et seq* tal-process.

[4] Dawn l-oggetti jidhru fir-ritratti bir-referenza 112198 - 11 DGN 121 u 122 fir-relazzjoni ta' PC 763 Kevin Manicolo esebita a fol. 79 tal-process.

[5] Dawn l-oggetti jidhru fir-ritratti bir-referenza 112198 – 11 DGN 125 u 126, fir-relazzjoni ta' PC 637 Kevin Manicolo.

PS 644 Evan Camilleri, tliet boroz tal-*plastic* – wahda b'diversi bicciet tal-*foil*, ohra b'*label* fiha u xi *plastic* u borza ohra li kienet tikkontjeni kuccarina u sikkina.[6]

Mir-relazzjoni tal-espert, l-Ispizjar Mario Mifsud[7] jirrizulta illi fil-*pouch* ta' lewn iswed bil-kelma Adidas, kien hemm is-segwenti oggetti: zewg *lighters*, speci ta' mus, tlett bicciet tal-*foil* mahruqa, speci ta' ghatu tal-*plastic* ta' lewn roza bi tracci ta' trab kannella, tlett boroz zghar tal-*plastic* trasparenti li kienu vojta, bicca *plastic* trasparenti, zewg imwiezen elettronici li wiehed minnhom kien jahdem u tlett boroz tal-*plastic* trasparenti li go fihom kien hemm trab kannella. Dawn inghataw il-kodici tal-laboratorju – 013/12/01.

Illi mill-analizi fuq dawn l-oggetti ghall-presenza tas-sustanza eroina, jirrizulta s-segwenti: li ma nstabux sustanzi illegali fuq l-ispeci ta' mus, it-tliet bicciet tal-*foil* u l-bicca *plastic*, li kien hemm f'dan id-dokument, fil-waqt li nstabu tracci tas-sustanza eroina fuq l-ghatu tal-*plastic*, fit-tlett boroz zghar tal-*plastic* u fuq iz-zewgt imwiezen. Fit-trab kannella li kien hemm fit-tlett boroz tal-*plastic* f'dan id-dokument, f'ammont nett totali ta' 66.49 grammi, instabet is-sustanza eroina. Il-piz rispettiv ta' dan it-trab fit-tliet boroz kien is-segwenti: 0.18 grammi, 0.88 grammi u 65.43 grammi. Il-purita` medja ta' dan it-trab ghas-sustanza eroina kien ta' cirka 21.1%.

Mill-istess relazzjoni, jirrizulta wkoll illi fil-*pouch* ta' lewn iswed bil-kliem *Fly Emirates* kien hemm is-segwenti oggetti: *lighter*, tlett boroz zghar tal-*plastic* trasparenti, tlettax-il bicca *foil*, b'wahda minn dawn b'forma ta' tubu u b'ghaxra minnhom mahruqa u mizien elettroniku li ma kienx jahdem. Dawn inghataw il-kodici tal-laboratorju – 013/12/02.

---

[6] Dawn l-oggetti jidhru fir-ritratt bir-referenza 112198 – 11 DGN 129, fir-relazzjoni ta' PC 637 Kevin Manicolo.
[7] Dok. MM1, esebita a fol. 174 *et seq* tal-process.

Mill-analizi fuq dawn l-oggetti ossia t-tlett boroz zghar, hdax-il bicca *foil* u l-mizien, ghall-presenza tas-sustanza eroina, jirrizulta illi ma nstabux sustanzi illegali fuq l-ghaxar bicciet tal-*foil* u nstabu tracci tas-sustanza eroina fil-borza zghira tal-*plastic*, il-bicca *foil* f'forma ta' tubu u fuq il-mizien elettroniku.

Fl-ahhar dokument ossia dak moghti l-kodici tal-laboratorju 013/12/13, kien hemm borza tal-*plastic* b'erbatax-il bicca *foil*, b'wahda minn dawn f'forma ta' tubu, borza ohra tal-*plastic* trasparenti li fiha kien hemm sikkina tal-metall b'manku tal-*plastic* ta' lewn iswed u kuccarina zghira tal-*plastic* ta' lewn iswed. F'borza ohra tal-*plastic* trasparenti, kien hemm *label* u in oltre speci ta' borza zghira tal-*plastic* trasparenti.

Mill-analizi fuq dawn l-oggetti, jirrizulta illi ma nstabux sustanzi illegali fuq it-tlettax-il bicca *foil* u s-sikkina u nstabu tracci tal-eroina fuq il-bicca *foil* f'forma ta' tubu, il-kuccarina tal-*plastic* u l-borza tal-*plastic.*

**Ikkunsidrat ulterjoment:**

Il-Qorti sejra l-ewwel tikkunsidra t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ossia dik ta' traffikar ta' droga eroina.

Kif jirrizulta mill-provi mressqa u b'mod partikolari mix-xhieda tal-Ispettur Herman Mula[8], l-imputat gie akkuzat bit-traffikar tad-droga eroina ghaliex waqt osservazzjoni li kienet qeghda ssir mill-pulizija tal-Iskwadra kontra d-Droga fuq l-istess imputat, dan gie nnutat jaghmel kuntatt ma' terza persuna, ossia certu Mario John Debono u sussegwentement, minn tfittxija li saret fuq Debono, irrizulta li fil-pussess tieghu, dan kellu kantuniera bid-droga eroina.

---

[8] A fol. 36 *et seq* tal-process.

Dwar dan, jirrizulta fl-ewwel lok illi hadd mill-ufficjali tal-pulizija li kienu qeghdin josservaw lill-imputat ma ra lill-istess imputat jghaddi d-droga jew kwalsiasi haga lil Debono. Fix-xhieda tieghu, **PS 1086 Johann Micallef**[9], jghid illi fil-jum in kwistjoni, kienet qeghda ssir osservazzjoni fuq l-imputat u ghall-habta tal-11.00 a.m., huwa ra lill-istess imputat, jieqaf bil-vettura tieghu hdejn vettura ohra. L-imputat hareg mill-vettura tieghu, avvicina t-tieqa tal-passiggier tal-vettura l-ohra u ghamel kuntatt mal-persuna li kienet gewwa din il-vettura. Skond ix-xhud l-imputat baqa' hdejn din il-vettura *"minuta kollox"*[10]. Ix-xhud jghid ukoll illi huwa kien vicin bizzejjed li seta' jara lill-imputat. Hu flimkien mal-kollegi tieghu baqghu jsegwu lill-persuna l-ohra sa hdejn id-*Detox*, fejn meta gie mwaqqaf, fil-vettura tieghu nstab li kellu kantuniera b'sustanza suspettata eroina. **PS 579 Antoine Micallef**[11] jghid illi hu flimkien ma' membri ohra mill-Iswkadra kontra d-Droga segwew lill-imputat mir-residenza tieghu gewwa H'Attard, minn fejn gibed lejn Hal-Lija u gie nnutat jaghmel kuntatt ma' vettura misjuqa minn certu John Debono. Dak il-hin huma segwew lil Debono, waqqfuh u waqt tfittxija sabulu borza bit-trab kannella suspettata eroina.

Fix-xhieda tieghu, **Mario John Debono**[12], jghid illi waqt li kien xoghol, huwa kien waqaf biex jidhol id-*Detox* u hekk kif waqaf, marru fuqu l-pulizija u gharrfuh li kienu ser jaghmlulu tfittxija. Fil-karozza, sabu borza zghira li kien fiha d-droga eroina. Mistoqsi jekk huwa kienx xtara din id-droga minghand l-imputat, huwa wiegeb fin-negattiv. Qal illi huwa jahdem ma' *car hire garage* u ftit qabel kien mar Hal Lija biex jigbor klijent minn hemm. Sakemm kien qieghed jistenna lill-klijent, kien ghaddej l-imputat u l-istess imputat waqaf ikellmu, ghaliex kienu jafu lil xulxin minn programm ta' rijabilitazzjoni li kienu ghamlu flimkien. L-imputat telaq u huwa telaq wara ftit.

Jirrizulta wkoll illi l-espert l-Ispizjar Mario Mifsud esebixxa relazzjoni[13] li fiha huwa ghamel komparazzjoni kemikali bejn it-trab kannella li kien instab fil-

[9] A fol. 48 sa 50 tal-process.
[10] A fol. 49 tal-process.
[11] A fol. 51 sa 53 tal-process.
[12] A fol. 148 sa 151 tal-process.
[13] A fol. 144 *et seq* tal-process.

pussess tal-imputat ossia t-trab kannella li kien instab fit-tliet boroz u t-trab kannella li kien instab fil-borza fil-pussess ta' Mario John Debono. Jirrizulta mill-istess relazzjoni illi l-espert ikkonkuda illi ma jistax jeskludi li t-trab ta' lewn kannella li kien hemm f'borza zghira tal-*plastic* (misjuba fil-pussess ta' Mario John Debono) ma kellux l-istess origini tat-trab li kien hemm fi tnejn mit-tliet boroz tal-*plastic* misjuba fil-pussess tal-imputat. Dan ifisser ghalhekk skond din il-konkluzjoni, illi t-trab misjub fil-pussess ta' Debono <u>jista' jkun</u> li kellu l-istess origini tat-trab fi tnejn mill-boroz misjuba fil-pussess tal-imputat.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, meta fl-ewwel lok, hadd mill-ufficjali tal-pulizija ma xehed illi raw lill-imputat jghaddi xi haga lil Debono meta sar kuntatt bejniethom, meta fit-tieni lok, Debono inniffsu cahad li huwa xtara d-droga eroina li nstabet fuqu minghand l-imputat, u meta in oltre l-unika konkluzjoni li wiehed jista' jasal ghaliha mill-konkluzjonijiet tal-espert l-Ispizjar Mifsud dwar il-komparazzjoni kemikali bejn id-droga misjuba fil-pussess ta' Debono u dik misjuba fil-pussess tal-imputat hija illi d-droga misjuba fil-pussess ta' Debono jista' jkun li kellha l-istess origini tad-droga misjuba fil-pussess tal-imputat, il-Qorti ma tistax tikkonkludi, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi l-imputat traffika d-droga eroina fil-jum in kwistjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi, it-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat gie akkuzat ukoll bir-reat ta' pussess aggravat tad-droga eroina. Waqt l-ezami tieghu, l-imputat wiegeb li huwa hati tal-pussess tad-droga eroina, minghajr l-aggravju. Dak li qeghda tikkontesta d-difiza ghalhekk m'huwiex il-pussess tad-droga eroina da parti tal-imputat, izda l-aggravanti tal-istess pussess. Skond id-difiza ghalhekk, id-droga misjuba fil-pussess tal-imputat kienet intiza ghall-uzu esklussiv tieghu.

Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

*"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."* U kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**, "*meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati*".

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Kif inghad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi**:

*" … l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li* ***normalment*** *wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101."*

U kif inghad minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Abela**, tat-8 ta' April 2005, mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna dwar ir-reat ta' pussess aggravat, wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni illi meta tinstab droga f'ammont konsiderevoli, jekk tinghata raguni ghall-presenza qawwija tad-droga li tkun tissodisfa lill-Qorti, allura r-reat ta' pussess aggravat ma jkunx gie ippruvat.

Issa f'dan il-kaz, il-kwantita` tat-trab kontenenti d-droga eroina misjub fil-pussess tal-imputat kien ta' 66.49 grammi – kwantita` ferm sostanzjali u qawwija li minnha, anke skond ix-xhieda tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud[14], wiehed jista' johrog madwar 660 qartas, tenut kont li normalment qartas jikkontjeni madwar 0.1 grammi eroina. Dan huwa ammont li certament wiehed normalment ma jassocjahx ma' uzu esklussiv da parti tal-pussessur u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief tqis dan il-fattur bhala indizju serjissimu ta' pussess aggravat.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu[15], l-imputat jghid illi huwa jabbuza mid-droga eroina u li ghandu problemi enormi tal-eroina. Omm l-imputat, fix-xhieda taghha, tghid illi binha kellu dan il-vizzju u li xi gimghatejn qabel dan il-kaz kienet tkellmet mieghu u qalilha li xtaq ibiddel hajtu u jibda programm sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga u ndikat ukoll, meta mistoqsija dwar

[14] A fol. 96 tal-process.
[15] A fol. 7 *et seq* tal-process.

incidenti ohra ta' binha konnessi mad-droga eroina, perjodu ta' seba' snin – "*nahseb dawn l-ahhar 7 snin zgur*". In oltre jirrizulta wkoll illi fost l-oggetti misjuba gewwa r-residenza tal-imputat, apparti kwantita` konsiderevoli ta' eroina, kien hemm oggetti li jindikaw minghajr ebda dubju illi l-imputat kien fil-fatt jabbuza minn din id-droga, bhal diversi bicciet ta' *foil* mahruq, tubi tal-*foil* bit-tracci tal-eroina u *lighters*. Biss dan ma jfissirx illi min jabbuza mid-droga huwa stess, ma jistax ikollu fil-pussess tieghu, droga li ma tkunx ghall-uzu esklussiv tieghu. Kien kemm kien serju l-vizzju tal-imputat – li del resto ma ressaq l-ebda prova imqar sal-grad tal-probabbli sabiex juri x'ammonti ta' droga kien jikkonsma – u l-fatt li hemm provi ta' uzu ta' droga da parti tieghu, ma jfissirx necessarjament illi dawn igibu fix-xejn il-prova – kemm il-darba din tirrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni - illi d-droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Apparti l-kwantita` qawwija ta' droga misjuba fil-pussess tal-imputat, jirrizulta wkoll mill-atti illi dak iz-zmien l-imputat kien dizokkupat. Ghalkemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu, meta mistoqsi jekk kienx jahdem, l-imputat ghazel li ma jwegibx ghal din id-domanda, kif wara kollox kellu kull dritt li jaghmel, biss waqt l-ezami tieghu dakinhar li huwa tressaq quddiem din il-Qorti taht arrest, ossia l-ghada li nstabet id-droga fil-pussess tieghu, l-imputat wiegeb li kien '*unemployed'*. Din hija dikjarazzjoni tal-imputat, maghmula minnu minghajr theddid jew tweghid, ghalkemm minghajr gurament, kif del resto hija wkoll kull dikjarazzjoni maghmula mill-imputat fl-istqarrija rilaxxjata minnu. Apparti li kien dizokkupat, tant is-sitwazzjoni finanzjarja tieghu ma kienet xejn stabbli illi kif xehdet ommu, fil-jum tal-Milied ossia jum qabel ma sehh il-kaz odjern, ommu u missieru tawh is-somma ta' €600 u dan sabiex, skond hi, ikun jista' jhallas xi kontijiet li kellu pendenti.[16] Dwar is-somma ta' €1,710 li nstabet fil-pussess tal-imputat, il-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjonijiet cari u dan stante illi apparti li ommu tghid illi hi u missieru kienu tawh €600 lejliet il-jum in kwistjoni, kemm fl-istqarrija, kif ukoll *a tempo vergine*, skond ix-xhieda ta' PS 1086 Johann Micallef, l-imputat indika li kien hemm xi flus li kienu tat-tfajla tieghu, li kienet tghix fl-istess fond.[17] Fl-istqarrija tieghu, meta mistoqsi dwar il-

[16] A fol. 270 u 271 tal-process.
[17] A fol. 81 u 82 tal-process.

karta ta’ €50 falza li nstabet fil-pussess tieghu, l-imputat wiegeb li kien wisq probabbli li bellaghhielu xi wiehed gewwa xi hanut[18]. Li huwa zgur ghalhekk hu illi b’din id-dikjarazzjoni, l-imputat jammetti li xi whud mill-flus li nstabu, kienu fil-fatt tieghu u mhux tat-tfajla u hawn certament li lanqas ma kien qed jirreferi ghal flus li nghataw lilu minn ommu u missieru. Biss kemm mill-flus misjuba kienu attwalment tal-imputat, oltre is-somma ta’ €600 li tawh il-genituri tieghu, il-Qorti ma tistax tghid mill-provi prodotti.

Dak li tista’ tirrileva l-Qorti madankollu huwa illi la darba l-imputat, fiz-zmien li sehh il-kaz odjern, kien dizokkupat, huwa ferm difficli illi wiehed jifhem kif huwa seta’ mhux biss imantni l-vizzju tieghu li skond hu kien serju, minghajr xi forma ta’ ntrojtu fiss, izda kif seta’ wkoll ikun f’posizzjoni finanzjarja li jakkwista ben 66.49 grammi eroina. Issa f’dan ir-rigward fir-relazzjoni tieghu, l-Ispizjar Mario Mifsud jghid illi “*l-prezz tad-droga Herojina misjuba huwa ta’ cirka 4854 euro u dan skont ir-rapport Malti “2008-2010 National Report to the EMCDDA*”. L-istess Spizjar Mifsud, in kontro-ezami, jaccetta illi dan ir-rapport li fuqu bbaza l-kalkolu tieghu dwar il-prezz tad-droga ghandu certi limitazzjonijiet, fis-sens illi fl-ewwel lok huwa bbazat fuq sors wiehed biss ossia informazzjoni moghtija mill-Ispetturi li jifformaw parti mill-Iskwadra kontra d-Droga u fit-tieni lok illi l-istess rapport jipprovdi biss il-*mean price*, minghajr ma jipprovdi l-prezz minimu u massimu u l-*mute price* ossia l-prezz l-izjed komuni fis-suq.[19] Biss kemm jekk il-Qorti tqis il-prezz indikat mill-Ispizjar Mifsud, bhala wiehed ferm approssimattiv u kif suggett ghal-limitazzjonijiet imsemmija minnu stess in kontro-ezami, kif ukoll jekk ma tqis xejn dan il-prezz, minhabba dawn il-limitazzjonijiet imsemmija, il-Qorti ma ghandha ghalfejn taghmel l-ebda sforzi biex tasal sal-konkluzjoni li wiehed necessarjament irid jasal ghaliha fis-sens illi kwantita` ta’ 66.49 gramma eroina, tiswa ammont konsiderevoli ta’ flus u mhux xi mitt Euro l’hawn u l’hinn u dan anke jekk l-imputat seta’ akkwista din id-droga bi prezz irhas, kif tikkontendi d-difiza, ghaliex naqqas ir-riskju ghall-fornitur tieghu u xtraha f’daqqa.

---

[18] A fol. 8 tal-process. Dwar din il-karta ta’ €50, PS 579 Antoine Micallef xehed illi mall-ammont ta’ flus li gie elevat, kien hemm ukoll Eur 50 li kienet tidher li hija falza (a fol. 52 tal-process.)
[19] A fol. 166 *et seq* tal-process.

Il-Qorti ghaldaqstant tqis illi s-segwenti elementi ossia a) il-pussess tad-droga f'ammont daqstant qawwi u b) il-fatt li l-imputat kien dizokkupat, li ma kellux ghalhekk introjtu fiss tant illi in oltre kif inghad il-genituri tieghu hassew il-htiega li jghinuh finanzjarjament sabiex ikun jista' jhallas xi kontijiet li kellu pendenti, u li kellu l-vizzju tad-droga li ried isostnih, diga` huma bizzejjed sabiex iwasslu lill-Qorti lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi d-droga hekk misjuba ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

Imbaghad terga' u tghid hemm provi ohrajn, li ghalkemm wahedhom u f'izolament jistghu ma jitqiesux bhala b'sahhithom bizzejjed bhala provi indikattivi ta' pussess aggravat, biss meta jitqiesu lkoll flimkien mac-cirkostanzi appena msemmija, zgur illi ma jistghux jigu injorati u jippuntaw biss lejn direzzjoni wahda.

Jibda biex jinghad illi fost il-kantunieri tal-boroz li gew elevati mir-residenza tal-imputat, ghalkemm fit-tlett boroz (li jifformaw parti mid-dokument immarkat fir-relazzjoni tal-espert Mario Mifsud, bil-kodici tal-laboratorju 013/12/01), f'borza (formanti parti mid-dokument immarkat bil-kodici tal-laboratorju 013/12/02) u f'borza ohra (formanti parti mid-dokument immarkat bil-kodici tal-laboratorju 013/12/03) instabu tracci tal-eroina, jirrizulta wkoll kemm mir-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officers*[20], kemm mir-ritratti esebiti a fol. 79 tal-process u specifikatament fir-ritratt b'referenza 112198 – 11 DGN 126, fejn jidhru tlett boroz tal-*plastic*, kif ukoll mir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, illi f'*pouch* misjub fil-pussess tal-imputat ossia dak formanti parti mid-dokument li gie moghti l-kodici tal-laboratorju 013/12/02 mill-Ispizjar Mario Mifsud, kien hemm tlett boroz zghar tal-*plastic* trasparenti. Dwar dawn il-boroz, fir-relazzjoni tieghu, l-espert jghid illi huwa analizza dawn it-tlett boroz zghar ghall-presenza tas-sustanza eroina u jindika biss borza (fis-singular) bhala li kienet tikkontjeni tracci. Dwar iz-zewg boroz l-ohra, l-Ispizjar ma jsemmi xejn. Biss il-Qorti, wara li fethet dawn l-esebiti hija stess u rathom b'ghajnejha, kif *del resto* jidher ukoll mir-ritratt hawn imsemmi bir-referenza 112198 – 11 DGN 126, setghet tara illi dawn iz-zewg boroz ossia zewg kantunieri tal-boroz

[20] A fol.75 tal-process, hemm indikat illi fid-Dokument 11 DGN 202 instabu "*diversi bicciet plastik*".

tal-*plastic*, kuntrarjament ghall-boroz jew kantunieri ta' boroz l-ohrajn fid-dokumenti esebiti, kienu ghadhom godda u mhux uzati a kuntrarju tal-boroz l-ohrajn li jidhru imqabrin u wzati. Ghalhekk ghalkemm il-presenza ta' boroz jew kantunieri tal-boroz uzati u/jew bi tracci fihom jistghu jindikaw konsum ta' droga da parti tal-imputat stess, ghaliex huwa ferm possibbli li l-imputat xtara d-droga f'dawk l-istess boroz, mhux l-istess jista' jinghad fir-rigward ta' kantunieri ta' boroz tal-*plastic* mhux uzati.

Imbaghad f'dan il-kuntest, il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll r-relazzjoni esebita mill-espert tekniku, Dr. Steven Farrugia Sacco,[21] mil-liema jirrizulta illi huwa ezamina zewg *mobile phones*, wiehed tal-marka Nokia u iehor tal-marka Samsung, misjuba fil-pussess tal-imputat. Dwar dawn fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jghid illi wiehed kien tat-tfajla, fil-waqt li l-iehor kien tieghu. Mill-kontenut tal-istess *mobiles* jirrizulta ampjament illi l-*mobile* tal-marka Nokia kien uzat mill-imputat, tant li diversi messaggi jirreferu ghalih bhala 'Gan' meta l-imputat fil-fatt jismu 'Jonathan'. Mill-banda l-ohra fil-*mobile* tal-marka Samsung, hemm messaggi intizi ghas-Sinjura Fsadni, li zgur m'huwiex l-imputat. Issa l-*mobile* tal-marka Nokia jikkontjeni numru ta' messaggi partikolarment minn zewg numri specifici, ossia in-numri 99999797 u 77252878 li fil-kuntest ta' dan kollu li ghadu kif inghad, jippuntaw biss lejn direzzjoni wahda ossia spacc ta' droga da parti tal-imputat. Hekk per ezempju, l-imputat ircieva dawn il-messaggi min-numru 99999797 - fl-24 ta' Dicembru 2011 fl-16:06:50 "*Dalwaqt nasal daqt incempillek ta qisu 15 mins ohra nkun hemm*"; 16:37:54 "*Ghandi bzonn niccaqlaq. Kemm fadallek plz imp.*????"; fil-25 ta' Dicembru 2011, fit-08:47:30 "*Bongu. Happy xmas. Ma tamillix pjacir plz? Ha nkun hdejn il-bar 20 mins ohra tigi plz?*"; fil-17:54:03 "*Tlaqt jien*"; fis-18:01:31 "*Wasalt. Thallinix hawn ax ma niflahx*"; 18:03:41 "*Ok*"; 18:09:14 "????"; fil-15 ta' Dicembru 2011, fl-22:05:36 "*Kemm baqa ????*"; 22:11:33 "*Amilli pjacir kbir. Hu pacenzja naqra fidda ax ma ghandi xejn plz. Tkx*"; 22:14:22 "*Tlaqt jien*"; 22:20:20 "*Wasalt*". Min-numru 77252878 imbaghad l-imputat ircieva s-segwenti messaggi: fil-25 ta' Dicembru fit-20:16:37 "*Aw gan. Baqalek alli jista jkun?*" u fil-15 ta' Dicembru 2011 fis-19:37:30 "*Gan ahna 340. Ntik 360 tirangali. Ima titlali isoltu ax bla karozza. Ibatli lura ok*"; fis-19:58:49

[21] A fol. 92 tal-process.

"*Kif tasal cempel u aqta u ninzel ok*"; fit-20:20:56 "*Baqalek mix narak*" u fit-20:22:24 "*Peres li cempiltli hrigt*". Hemm ukoll dawn it-tipi ta' messaggi min-numru iehor 99616258. Il-Qorti tinnota wkoll illi fil-*mobile* tieghu l-imputat kellu lista taht il-kelma *Reminders*, liema lista kienet tinkludi wkoll il-kelma 'Boroz'.

Issa kif inghad izjed il'fuq, dawn l-indizji ossia z-zewg kantunieri tal-boroz tal-*plastic* mhux uzati fil-pussess tal-imputat u l-kontenut tal-*mobile phone* tal-imputat, wahedhom u f'izolament m'humiex b'sahhithom bhala prova ta' pussess aggravat tad-droga eroina da parti tal-imputat. Biss dawn l-indizji kif inghad jippuntaw biss f'direzzjoni wahda meta maghduda flimkien mal-provi l-ohrajn li ghandha quddiemha l-Qorti ossia l-kwantita` tad-droga misjuba u l-fatt li l-imputat kien dizokkupat u ma kellux ghalhekk introjtu fiss, apparti li kellu l-vizzju tad-droga eroina li ried isostni - provi dawn tal-ahhar li kif diga` inghad, wahedhom diga` huma bizzejjed u sufficjenti sabiex iwasslu lil din il-Qorti, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi d-droga eroina misjuba fil-pussess tal-imputat ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Ghalkemm m'ghandha l-ebda dubju illi fil-fatt l-imputat kellu l-vizzju tad-droga eroina, il-Qorti tqis illi d-difiza ma wrietx, lanqas sal-grad tal-probabbli, illi l-kwantita` tad-droga misjuba fil-pussess tieghu kienet intiza biss ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tqis illi l-Prosekuzzjoni ppruvat sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi, it-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll talli huwa recidiv u dan permezz ta' sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-26 ta' Gunju 2007. Il-Prosekuzzjoni esebiet sentenza[22] li ggib din id-data, fil-konfront ta'

[22] A fol. 62 *et seq* tal-process.

Jonathan Bonello li minnha ma jirrizultawx il-konnotati tal-imputat f'dak il-kaz. Biss fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2012, xehed l-Ispettur Nezren Grixti li kkonferma illi s-sentenza esebita nghatat fil-konfront tal-imputat odjern.[23] Permezz ta' din is-sentenza l-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti, li kkundannat lill-imputat ghall-piena ta' hmistax-il xahar prigunerija effettiva u ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500). Ghaldaqstant, stante illi r-reat odjern gie kommess mill-imputat fis-26 ta' Dicembru 2011, jirrizulta car illi l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok, il-kwantita` sostanzjali tat-trab kontenenti l-eroina misjub fil-pussess tal-imputat, kif ukoll il-purita` tal-istess trab ghad-droga eroina. Issa ghalkemm mill-ewwel relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, jirrizulta illi l-purita` medja tat-trab kannella ghas-sustanza eroina kienet ta' cirka 21.1%, mit-tieni relazzjoni esebita minnu, jirrizulta wkoll illi fil-waqt illi l-purita` tat-trab bil-piz ta' 00.18 grammi u 00.88 grammi kienet ta' 25.06% u 26.16% rispettivament, il-purita` tat-trab fil-piz ta' 65.43 grammi ghall-eroina, kienet ta' 10.03%.

Fit-tieni lok, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fedina penali tal-imputat, mil-liema jirrizulta illi apparti s-sentenza tas-26 ta' Gunju 2007, imsemmija izjed 'il fuq, li permezz taghha huwa gie kkundannat ghal piena ta' hmistax-il xahar prigunerija effettiva dwar pussess aggravat ta' droga eroina, huwa kien instab hati darbtejn ohra dwar pussess semplici tal-istess droga.

Qieset ukoll min-naha l-ohra is-*Social Inquiry Report* redatt mill-Ufficjal tal-*Probation*, Maryanne Zammit u esebit minnha fis-seduta tal-25 ta' Settembru

---

[23] A fol. 84 tal-process.

2013.[24] Jirrizulta mill-istess rapport illi l-imputat beda jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga fl-14 ta' Mejju 2012 u li skond ir-*records* provduti mill-*Caritas* huwa temm b'success dan il-programm. Dak iz-zmien kien jinsab fil-fazi tar-*re-entry* u kien mistenni jiggradwa fis-sena ta' wara ossia fis-sena 2014. Mix-xhieda ta' Jean Cali, in rapprezentanza tal-Agenzija Caritas, fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2014, imbaghad jirrizulta illi f'dak iz-zmien huwa kien jinsab fir-raba' fazi tal-programm, jigifieri beda jahdem u jghix id-dar. Hija xehdet li l-imputat baqa' jzomm l-appuntamenti u baqa' jattendi ghas-sessjonijiet u jaghti *urine samples* b'mod regolari. Skond l-istess xhud, ghalhekk l-imputat baqa' sejjer tajjeb.

Fil-waqt illi l-imputat ghandu certament ihallas il-kontijiet tieghu mas-socjeta` in konnessjoni mar-reat odjern, li certament ukoll li huwa reat serju, izjed u izjed in vista tal-ammont ta' droga li nstabet fil-pussess tieghu, liema ammont kien jikkostitwixxi perikolu car mhux ghalih biss izda wkoll ghas-socjeta`, biss din il-Qorti lanqas ma tista' tinjora l-isforzi genwini u l-passi kbar li jidher li ghamel l-imputat minn dak iz-zmien l'hawn.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet (ossia l-addebitu tar-recidiva) migjuba fil-konfront tieghu, fil-waqt illi ma ssibux hati tat-tieni imputazzjoni u tilliberah minnha u tikkundannah ghall-piena ta' **tmintax-il (18) xahar prigunerija effettiva** – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni biss mar-reati li hawn instab hati taghhom u **multa ta' elfejn u hames mitt Euro** (**€2,500)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u hamsin Euro (€150). L-ewwel pagament ghandu jsir

[24] A fol. 216 *et seq* tal-process.

mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hlief ghall-ispejjez konnessi mat-tieni relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud (Dokument MM2), liema relazzjoni giet redatta in konnessjoni mat-tieni imputazzjoni li minnha l-imputat qed jigi illiberat u ghaldaqstant, qeghda tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez konnessi mal-ewwel relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud (Dokument MM1) fis-somma ta' seba' mija, tnejn u erbghin Euro u ghoxrin centezmu (€742.20), l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officers* ammontanti ghas-somma ta' mija u tmintax-il Euro u disa' centezmi (€118.09) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert tekniku Dr. Steven Farrugia Sacco, ammontanti ghas-somma ta' disa' mija, erbgha u sebghin Euro u erba' centezmi (€974.04), ammontanti dawn l-ispejjez ghal total ta' elf, tminn mija, erbgha u tletin Euro u tlieta u tletin centezmu (€1,834.33). Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sena mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u tal-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, kif ukoll tal-karta ta' €50 falza li giet esebita bhala parti minn Dokument HM3, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna wkoll ir-rilaxx tar-rimanenti somma flus (bl-eskluzjoni tal-karta ta’ €50 falza) li wkoll giet esebita bhala Dokument HM3, favur l-imputat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------